30 ta' Marzu, 1951

Imħallef:

L-Onor. Dr. A. V. Camilleri, B.Litt., LL.D.

**Alberto Farrugia** *versus* **Carmelo Barbara**

**Appalt — Lokazzjoni d'Opera — Kondizzjoni Riżolutiva — Danni — Art. 1734 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Il-liġi tagħti lill-appaltatur id-dritt li jxolji l-kuntratt ta' l-appalt bil-volontà tiegħu biss; u din il-fakoltà tista' tiġi eżerċitata fi kwalunkwe żmien, anki meta l-ħwejjeġ u l-affarijiet ma jkunux għadhom fi stat integru, jew meta l-opra tkun imxiet sewwa u' inoltrat ruħha.*

*Dan id-dritt huwa konċess lill-kommittent bla ma huwa jkollu jagħti ebda raġuni tal-kambjament tal-ħsieb tiegħu; subordinatament però għall-obligu tiegħu li jħallas lill-appaltatur l-indennizzi stabbiliti mill-istess liġi.*

*Imma meta l-kommittent ixolji l-kuntratt mhux għaliex biddel il-ħsieb u ma jridx ikompli l-opra, imma għax jippretendi li l-appaltatur kien inadempjent, allura jkun meħtieġ, għall-finijiet tar-riżarċiment tad-danni, li jiġi stabbilit ta' min kienet il-ħtija tax-xoljiment tal-kuntratt*

*Il-kondizzjoni riżolutiva taċita f'kuntratt ma tapplikax ruħha ħlief meta l-inadempiment ikun jirriferixxi ruħu għal xi parti sostanzjali ta' l-obligazzjoni.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur talab, li premessi d-dikjarazzjonijiet meħtieġa u wara li jingħataw l-ordnijiet li hemm bżonn, peress illi l-attur kien qiegħed jagħmel xi

xogħlijiet ta' rikostruzzjoni u restawri ġenerali tad-dar tal-konvenut, numri 1 u 2 Triq Irjali, it-Tielet Sqaq, il-Gudja, u bi ftehim mal-konvenut kellu jagħmel ix-xogħol kollu; u peress li l-konvenut waqqaf lill-attur minn fuq ix-xogħol, u hekk qiegħed jipprova jtellfu x-xogħol l-aktar gradit u jtellfu l-qliegħ li jkun jimmerita; u oltre dan, għaliex ma ħalisux tax-xogħol kollu magħmul; din l-Onorabbli Qorti tiddikjara lill-konvenut responsabili għad-danni u telf ta' qliegħ lejn l-attur; din l-istess Onorabbli Qorti, per mezz, jekk ikun hemm bżonn, ta' periti tekniċi, tillikwida x-xogħol magħmul mill-attur u l-qliegħ fuq ix-xogħol li kien sejjer jagħmel kieku ġie mħolli jeżegwixxi l-ftehim mal-konvenut, kif ukoll it-telf ta' żmien u d-dewmien tal-għodda inutilment għand il-konvenut, u kwalunkwe danni iehor riżultanti li sofra u qiegħed isofri l-attur bl-egħmil tal-konvenut; Jina l-Onorabbli Qorti tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma hekk likwidata. Bl-ispejjeż, inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali tat-30 ta' Novembru 1948, u bl-imgħax legali;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi, kif jidher mill-atti tal-kawża, it-talba ta' l-attur tirrigwarda (1) danni konsistenti fil-lukru ċessanti li l-istess attur jippretendi li tilef in konsegwenza tal-fatt li l-konvenut, wara li tah l-appalt tax-xogħlijiet ta' rikostruzzjoni u restawr ġenerali tad-dar numru 1 u 2 Triq Rjali, it-Tielet Sqaq, il-Gudja, waqqfu milli jkompli dak ix-xogħol, (2) u ħlas ta' somma jew ammont li jiġi likwidat għax-xogħol li huwa għamel qabel ma ġie mwaqqaf, u tal-lukri li tilef, u li kien jagħmel kieku baqa' sejjer bix-xogħol kollu, bil-konsegwenti kundanna tal-konvenut, u konsegwentement għall-pagament ta' l-ammont li għandu jiġi likwidat;

Illi l-partijiet ma jaqblux għal kollox fuq il-ftehim li sar bejniethom...............;

*Omissis;*

Illi kwindi l-Qorti taqbel pjenament ma' dak li qal il-perit legali fil-qiegħ ta' fol. 7 tar-relazzjoni tiegħu, li l-partijiet stipulati kienu dawn :—

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi, wara li ġew aċċettati l-fattijiet li fuq ġew affermati, jingħad in tema legali, li tibux eżatt dak li jsostni l-konvenut li l-azzjoni odjerna hija bażata fuq id-dispost 1734 tal-Kodiċi Ċivili (ġà art. 1400 ta' l-Ordinanza VII ta' l-1866), imma hija, kif jidher mill-premessi taċ-ċitazzjoni, azzjoni ta' ħlas ta' xogħol li sar, għal dak li kellu jsir (prevja l-likwidazzjoni), pagament mitlub bħala riżarċiment ta' danni talli l-konvenut waqqaf bla ebda ġustifikazzjoni lill-attur milli jkompli l-kuntratt minnu assunt in forza ta' l-art. 1074 u 1178 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 23 tal-LL. ta' Malta;

Tabilħaqq, l-art. 1734 Kodiċi Ċivili (ġà art. 1400 ta' l-Ord. VII ta' l-1868), jikkuntempla u jemm fih maħsub mod tar-riżoluzzjoni ta' lokazzjoni ta' l-opra biss bil-volontà tal-padrun; liema volontà tista' tigi espressa u esternata fi kwalunkwe żmien, anki meta l-ħwejjeġ u l-affarijiet ma jkunux għadhom fi stat integru, sew ukoll meta l-opra tkun inxiet sewwa u noltrat ruħha; il-għaliex dina l-fakoltà ta' estensjoni kbira mogħtija lill-kommittenti ġiet lilu konċessa mill-leġislatur għal raġunijiet speċjali, inkwantokkè, wara li tkun seħħet il-konvenzjoni tal-lokazzjoni ta' l-opra, jistgħu javveraw ruħhom, u ġie li spiss jintervjenu fattijiet (bħal ma huma kambjamenti ta' fortuna tal-kommittent, jew il-għaliex ma jaqbillux aktar dak ix-xogħol) li jirrendi impossibbli jew nihux aktar meħtieġa għall-kommittenti l-kontinwazzjoni tal-pjani proposti meta jkun ftiehem;

Dina l-fakoltà, konċessa lill-kommittenti li jwaqqaf l-opra kommessa bla ma jagħti ebda motiv għal dak il-kambjament ta' ħsieb, u taħt l-intendiment li ntqalu, biex ma tkunx dannuża għall-aċċettanti ta' l-opra jew imprenditur, hija mill-liġi kontemperata mill-, u subordinata għall- indennizzi msemmija fl-artikolu ċitat fuq (ara Pothier, Contratto di Locazione delle Opere u dell'Industria, paragrafi 1028-1031);

Minn dana li ntqal jitnissel (1) li l-art. 1734 tal-Kodiċi Ċivili huwa dispożizzjoni speċjali u derogativa għall-prinċipji fondamentali ta' kwalunkwe kuntratt bilaterali, (2) li r-raġuni ġuridika tiegħu tinsab radikata fuq konsiderazzjonijiet ta' ekwità, (3) li jippresupponi jew ir-revoka ta' l-inkariku, meta x-xogħol ma jkunx inbeda, jew in-non-kontinwazzjoni ta' l-opra "de quo", meta tkun bdiet, sal-mument meta l-impren-

ditur jiġi mwaqqaf, u (4) li kontra l-eżerċizzju ta' dina l-fakoltà ma jistax jikkwetela ħlu min jaċċetta li jidħol għall-lokazzjoni ta' l-opra msemmija billi jikkostrinġi lill-istess kommittent għall-adempiment effettiv ta' l-opra pattwita;

Il-fattijiet akkwiżiti għall-kawża ma jurux, fil-verità, li l-konvenut ried juża, u li fil-fatt uża, mill-fakoltà ta' l-art. 1734 tal-Kodiċi Ċivili; anzi, jekk l-istess provi jiġu eżaminati bir-reqqa, iwasslu għall-konklużjoni li l-konvenut u martu riedu jkomplu x-xogħol intrapriż, imma mhux per mezz ta' l-attur, il-għaliex allegaw li x-xogħol li kien qiegħed jagħmel kien ħażin, u minħabba kwereli oħra — affermazzjonijiet ta' importanza kardinali għan-nuqqas tas-sussistenza ta' l-art. 1734 tal-Kodiċi Ċivili, apparti l-konsiderazzjonijiet l-oħra li fuqhom jingħad aktar tard. Fi kliem ieħor, il-konvenut ried jinħall mill-kuntratt minħabba inadempjenza ta' l-attur. Huwa fatt ukoll li l-attur ma nsistiex biex ikompli, taħt iċ-ċirkustanzi li ntqalu, l-istess kuntratt, u bl-att taċ-ċitazzjoni tiegħu odjern wera li huwa jaqbel li ma għandux ikompli miexi bil-konvenzjoni minħabba ħtija tal-konvenut u martu; b'mod li l-lum, taħt dan l-istat ta' fatt, dina l-Qorti ma baqgħalhiex ħlief taqta' u tgħid ta' min hija l-ħtija għal dik ir-riżoluzzjoni għall-effetti tar-riżarċiment tad-danni, li jidhru li jwasslu l-konklużjonijiet preżentati "hinc inde" mill-kontendenti fil-kawża;

Ikkunsidrat;

Illi l-ewwel kwerela li sejra tiġi eżaminata hija dik li l-attur ma kienx lest fiż-żmien miftiehem, u ċjoè sal-Milied 1947. Żewġ raġunijiet ġew addotti għal dan id-dewmien:— (1) innuqqas ta' travi fil-pajjiż, u (2) il-mankanza ta' otteniment ta' permess mill-awtoritajiet kompetenti għal ċerti xogħlijiet ta' kostruzzjoni, li baqgħu ma sarux. Dawn iż-żewġ kwereli ma jidhrux li ma humiex ġustifikati, il-għaliex l-attur ipprova biżżejjed li għall-epoka fis-suq ma kienx hawn travi; u skond il-ħsieb ordinarju tal-ħajja, fil-kontrattazzjonijiet "de quo", qatt ma ġie pretiż li dawk l-istess travi kellhom jiġu mpurtati minn barra mill-imprendituri tal-kwalità ta' l-attur; b'mod li dak in-nuqqas kien jirrendi lill-attur fl-impossibilità assoluta li jaċċelera x-xogħol. U del resto, l-otteniment tagħhom kien jiddependi mill-Building Control Board, li fl-epoka

ma kienx joħroġ permessi; u dwar il-kwerela l-oħra l-għaliex —apparti l-pretensjonijiet inġustifikati tal-mara tal-konvenut, kif xehed il-perit Colombo, li kien inkarikat mix-xogħol, il-fatt ta' l-inadempiment dovut għal terzi persuni mhux preċedut minn ħtija ta' l-attur jiskarikah minn kwalunkwe responsabilità;

Illi dwar il-kwerela l-oħra, li l-attur ma għamelx ix-xogħol sewwa, jingħad li l-kondizzjoni riżolutiva taċita f'kuntratt ma tapplikax ruħha ħlief meta l-inadempiment ikun jirriferixxi ruħu għal xi parti sostanzjali ta' l-obligazzjoni; u kieku l-konvenut aġixxa għar-riżoluzzjoni tal-kuntratt, il-Qorti kien ikollha l-fakoltà, jekk hekk jidhrilha, li takkorda żmien moderat sabiex jirripara għall-inkonvenjent. Jirriżulta li l-mara tal-konvenut fixklet ħafna lill-attur bil-pretensjonijiet tagħha li ħafna minnhom ma jirriżultawx li kienu ġustifikati; u jekk l-attur naqas dwar ix-xogħlijiet imsemmija fil-fol. 4 u ta' wara tal-perizja........ fl-invell ta' l-ewwel sular huwa adempixxa puntwalment il-kumplament tax-xogħol. Minn dan jidher li l-attur fil-kumpless ta' l-estensjoni tax-xogħol li kellu jagħmel mexa sewwa u għamel xogħol tajjeb; u skond l-opinjoni tal-perit maħtur mill-Qorti, apparti l-ugwali opinjoni tal-perit Colombo, fejn naqas ix-xogħol ma kienx jifforma materja rilevanti biżżejjed a paragun ta' l-intier. Del resto fil-ħajja ta' kuljum l-adempiment ta' obligazzjoni ma jġix kalkolat fariżajkament, imma fis-sustanza tiegħu; u kieku kien hemm aktar sens ta' kompromess u tolleranza, forsi ma kienetx tqum dina l-kawża:

Illi dwar in-nuqqas ta' sorveljanza jingħad li, għalkemm l-attur attenda fuq ix-xogħol, eppure għal xi epoka jirriżulta li huwa ma kienx qiegħed jattendi kontinwament. Il-konvenut u martu llimitaw ruħhom li jipprotestaw bil-fomm għal dana l-aġir, u ma ħadu ebda passi legali jew ġudizzjarji oħra. Jingħad però li kwalunkwe nuqqas li seta' kien hemm fuq dina l-parti ta' l-assunzjoni tal-lokazzjoni ta' l-opra mill-parti ta' l-attur ma kellux influwenza fuq il-kumpless tax-xogħol, u l-konvenut ma jistax jilmenta meta huwa mhux sejjer ikun u ma kienx preġudikat. Del resto, ir-responsabilità baqgħet dejjem riversata fuq l-attur, kif jidher li sejra tibqa' għal dak li ma ġiex approvat;

*Omissis;*

Illi kwindi l-konvenut *ma kellux raġuni* suffiċjenti biex ixolji l-kuntratt;

*Omissis;*

Għal dawna l-motivi;

Taqta' u tiddeċidi billi, prevja d-dikjarazzjoni li l-konvenut huwa responsabbli għad-danni talli ngħustament waqqaf lill-attur mill-ftehim imsemmi, minħabba li ppretenda li kien inadempjenti, tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma ta' £240. 14. 6, bl-imgħax legali, wara li tillikwida x-xogħol u qliegħ li l-attur għamel qabel ma ġie mwaqqaf għal £882. 19. 5, u l-qliegħ li k'en jagħmel kieku kompla x-xogħol għal £33. 15. 2, oltre s-somma ta' £63. 19. 11 għar-rigal ta' 5% fuq ix-xogħol li sar u kellu jsir mill-attur; minn liema ammont l-attur ħa minn għand il-konvenut akkont ta' £740; b'mod li baqagħlu jieħu l-bilanċ ta' £240. 14. 6 fuq imsemmi;

L-ispejjeż, minħabba ċ-ċirkustanzi tal-każ, jitħallsu tliet kwarti mill-konvenut u kwart mill-attur.